CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

Il-Ħamis, 10 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 9am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-9.15am.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

55.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

55.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tlieta u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

55.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.3.1 Il-Sindku nfurma lill-Kunsill li t-terminu għal min ried jagħmel appell fuq it- Tender tal-ġbir tal-borza s-sewda u l-bajda skada u ma daħlux appelli. Għalhekk jista' jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid ma WM Environmental Ltd biex jkun jista' jibda s-servizz l-ġdid fl-1 ta' Settembru 2017.

55.3.2 Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jinfurma lill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq ġewwa l-Mdina biex għax xhur tas- sajf minn Lulju sa Settembru jibdew isiru *extra works* nhar ta' Ħadd minħabba l-influss ta' nies li qed izuru l-lokalita'. Il-Kunsill approva.

55.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Perit Norbert Gatt mir-Restoration Unit biex l-uffiċċji li jinsabu ġewwa Torre dello Standardo jerġaw jingħataw lilhom b'xejn għas-sentejn li ġejjin. Din it-talba ġiet rifjutata għar-raġuni li huwa f'isem il-Kunsill talab lil Perit Gatt biex garaxx li jinsab fi Triq Il-Magazzini jingħata lill-Kunsill. Din it-talba pero ġiet rifjutata mir-Restoration Unit.

**F'dan il- ħin (9.39am) daħlu għal laqgħa l-Kunsilliera C. Scerri u J. Debono**

55.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill fejn jidher li dan is-sajf mhux ser isir is-soltu ħasil tat-toroq ta' l-Mdina mil-Cleansing Department u għalhekk talab li tinħareġ kwotazzjoni ta' ħasil tat-toroq għat-tlett xhur tas- sajf. Il-Kunsill approva.

55.3.5 Il-talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jikteb formalment lill- Onor. Ministru Dr. Ian Borg biex il-Kunsill jingħata appuntament fejn fiha jiġu diskussi l-problemi li jezistu ġewwa l-Mdina fosthom il-manutenzjoni u tindif tat-tinda tal-karozzini fejn din tiġi taqa' taħt l-kontroll ta' Transport Malta kif ukoll l- introduzjoni tas- *Segways* fejn qed ikunu ta' inkonvenjent għal min izur l-lokalita'.

55.3.6 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li ntbgħatet talba lill-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Deo Debattista li taħtu jaqa' l-Cleansing Department biex jikkunsidra jħalli miftuħin il- Public Toilets li jinsabu ġewwa Howard Gardens sal-11pm flok sat-8pm. Din it-talba qed isir wara ħafna ilmenti li saru lill-Kunsil min-nies fejn ħafna jaħsbu li din il-latrina taqa' taħt r-responsabbilta' tal-Kunsill.

55.4.6 Is- Sindku qal li jidhirlu li wasal z-zmien li la darba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill qed titjib fejn d-deficit qed jiġi ndirizzat konsiredevolment, qed jitlob lil-Kunsill li għas-sena d-dieħla naħsbu biex jiġi mpjegat fullt-timer u mhux part-time biss għaliex kull sena x-xogħol qed jizdied u ħafna drabi x-xogħol tal-front office ikollu jsir mis- Segretarju Ezekuttiv u dan qed ikun ta' detriment fil-qadi tiegħu bħala Segretarju. Il-Kunsill approva.

**55.4 L-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill- Sitwazzjoni Prezenti**

55.4.1 Is- Sindku beda biex qal li kif jaf l-Kunsill l-uffiċċju prezenti li fih jopera l-Kunsill jifforma parti mill-Palazzo De Vilhena u jidher li allavolja dan l-uffiċċju ilu jopera minnu l-Kunsill sa mill-bidu tal-Kunsilli Lokali, jidher li t-titlu tal-post il-Kunsill ma kienx ingħatalu u għalhekk kera ma kienitx qed titħallas.

Il-Kunsill kien prudenti u xorta ħaseb għalihom dawn il-flus fil-kotba tiegħu biex ma jiġix fuq saqajn waħda.

Huwa qal li wasal l-waqt li din tissolva darba għal dejjem u għalhekk dan l-aħħar kien tkellem informalment mas- Segretarju Parlamentari L-Onor. Silvio Parnis li taħtu jaqaw l-Kunsill Lokali fuq din il-problema u wera ruħu disponibbli li jiltaqa' magħna. Għalhekk huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikteb u jingħatalu appuntament fejn fiha mas- Segretarju Parlamentari tiġi diskussa din il-problema.

**55.5 Rapporti, Ilmenti u Ordnijiet tal- Ġurnata.**

55.5.1 Mdina Food Festival 2017- Is- SE qara' email mibgħuta mis- Sur Quintin Scerri f'isem l-organizzaturi ta' dan l-avvenimenti fejn talab li jkun prezenti għal laqgħa biex jiċċara xi punti mill-ilment li kien bgħat il-Kunsill lill- Project Implementation Directorate fi ħdan il-Ministeru tax- Xogħolijiet, Trasport u Proġetti Kapitali wara li għadda l-avveniment fejn il-Kunsill deherlu li kien hemm xi nuqqasijiet mill-organizzaturi.

55.5.1.1 Għal din il-laqgħa tal-Kunsill kien prezenti s- Sur Scerri fejn spjega u ta' r-raġuni għalfejn inqalgħu dawn n-nuqqasijet fejn fosthom, r-raġuni ewlenija tal- ħmieġ li kien baqa' ġewwa l-Foss wara jumejn li kien spiċċa l-avveniment kien n-nuqqas ta' komunikazzjoni mid- Dipartiment tal-Cleansing Department mal-organizzaturi u li fuqu ma kellux kontroll kompla qal s- Sur Scerri.

Huma bħala organizzaturi dejjem ikkoperaw mal-Kunsill u kull fejn kien hemm bzonn ta' xi permessi dawn dejjem saru skond il-liġi u dejjem kien hemm *full commitment* mal-partijiet konċernati

55.5.1.2 Is- Sindku filwaqt li irringrazzja li- Sur Scerri li għamel ċara l-posizzjoni tiegħu qal li l-Kunsill jekk dan l-avveniment jerġa jsir s-sena d-dieħla jixtieq li, xhur qabel dan l-avveniment il-partijiet konċernati kemm dawk privati, governattivi flimkien mal-Kunsill jagħmlu serji ta' laqgħat biex dak li ġara din is-sena ma jiġix repetut għal ġid ta' kulħadd u

b'hekk nevitaw l-ammont kbir ta' ilmenti li waslu ġewwa l-Kunsill fuq n-nuqqasijiet tagħna meta lanqas biss dan il-ġnien jaqa taħt responsabbilta tal-Kunsill ta' L-Mdina.

55.5.2 Ittra mingħand l-organizzaturi tal-Malta Marathon 2017/2018 biex l-maratona tibda min ġewwa l-Mdina.

Il-Kunsill qed jitlob li jiġi depositat garanzija ta' € 1000 biex jagħmel tajjeb f'kaz li hekk kif titlaq t-tiġrija jitħalla amont kbir ta' ħmieg fit-triq u Howard Gardens għaliex dan il-kaz qed jiġri kull sena li jitħalla l-imbarazz u ma jistax ikun.

55.5.3 Cirkolari AKL 46/2017- Inizjattiva biex mill-allowance tal-Kunsilliera jinqatgħu € 2.33 kull xahar u il-flus li jnġabru jingħataw lill-Malta Community Chest Fund.

55.5.4 AKL- Dokument fuq Tables and Chairsf'postijiet pubbliċi għal- kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera biex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. Kopja ngħatat lill- Kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom

55.5.5 Cirkolari AKL 43/2017- Jitħabbru l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilita'

55.5.6 Cirkolari AKL 47/2017- Dokument fuq il-Ġbir u mmaniġġjar ta' l-iskart għal-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera biex jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. Kopja ngħatat lill-Kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom

55.5.7 Natalis Notabilis 2017- Talba mill-organizzaturi biex min nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 sat- Tlieta 12 ta' Diċembru 2017, l-area tat-Tomba fi Ġnien Howard Gardens tkun tista' tingħata lilhom mingħajr ħlas. Il- Kunsill approva.

55.5.8 MTA- Draft agreement għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill biex jiġi mġedded il-kuntratt ta' l-uffiċċju tat- Tourist Information Office ġewwa t- Torre Dello Standardo. Il-Kunsill ser jieħu parir legali fuq dan il-ftiehem qabel ma jikkommetti ruħu.

55.5.9 Il- Kunsiliera C. Scerri talbet li jitwaħħlu tabelli ta' No Pedestinal Area int u dieħel l-Mdina għaliex il-vannijiet kummerċjali huma u deħlin l-Mdina qed isuqu bi speed eċċessiv. Il-Kunsill approva

## 55.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

53.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-10 ta’ Awissu 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 19,811.25

53.7.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill- Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 55.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss

55.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 6 ta’ Awwissu 2017 fit-9am

IFFIRMATA
____________________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
____________________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 06-09-2017________